MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 2664/1999/1

**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tas-27 ta' Frar 2004**

**Citazzjoni numru 2664/99 GC**

**Paul Baldacchino esercenti n-negozju taht l-isem 'British Garage'**

**vs**

**William Bugeja**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejnl-attur ippremetta:-

Illi huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta’ erbat’elef, tlett mija u hamsa u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmu (Lm4325.40) bilanc ta’ prezz ta’ karozza lilu mibjugha u kkonsenjata u li dan naqas li jhallas;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut, u fil-fehma tal-attur l-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti kontra t-talba ghal hlas ta’ l-imsemmi ammont, u l-attur qed jannetti ma dan l-att affidavit markat Dok A kif rikjest mill-artikoli precitati:

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti in vista tal-premess m’ghandhiex:-

1 tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2 tikkundana lil konvenut ihallas lill-attur is-somma fuq imsemmija ta’ Lm4325.40c u dana ghar-ragunijiet indikati;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-23 ta’ Settembru 1999, u bl-imghaxijiet mit-23 ta’ Settembru 1999 kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat l-affidavit tal-attur u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit preliminarjament l-intempestivita’ ta’ l-azzjoni stante li l-bilanc li ghadu dovut mill-konvenut lill-attur huwa import ta’ kambjali liema kambjali ghandhom ma skadewx u, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont dovut huwa inqas minn dak pretiz;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attur;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Lulju 2001;

Ikkonsidrat:

L-attur qed jippretendi li huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' erbat'elef, tlett mija u hamsa u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmu (Lm4325.40) bilanc ta' prezz ta' karozza lilu mibjugha u kkonsenjata;

Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li din l-azzjoni hi intempestiva' peress li l-bilanc li ghadu dovut huwa import ta' kambjali, liema kambjali ghandhom ma skadewx. Inoltre l-konvenut jeccepixxi li l-ammont dovut huwa inqas minn dak li qed jippretendi l-attur;

Fil-kors tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2000 l-attur specifika li din l-azzjoni mhux wahda kambjarja izda hi bbazata fuq il-ftehim miktub iffirmat mill-partijiet. Kopja ta' dan il-ftehim, datat 25 ta' Gunju 1998, gie esibit f'dawn il-proceduri u jinsab a fol.27. Minn dan il-ftehim jirrizulta li l-konvenut akkwista minnghand l-attur vettura tal-marka Van Mitsibushi bil-prezz ta' Lm5800 u bil-kondizzjonijiet l-ohra kollha kif kontenuti fl-istess skrittura. Il-partijiet ftehemu li kellu jsir depositu ta' Lm1000, kellha tithallas is-somma ulterjuri ta' Lm1500 fi zmien tlett xhur u l-kumplament kellu jithallas bir-rata ta' Lm150 fix-xahar. Gie miftiehem ukoll li jekk il-konvenut jonqos li jhallas parti jew l-ammont shih minn wiehed mill-imsemmija pagamenti, l-attur kellu d-dritt li jitlob il-bilanc shih li jkun ghadu dovut;

Ma hemmx dubju ghalhekk li l-attur ghandu kull dritt li jagixxi kif ghamel ghal kundanna tal-hlas tal-bilanc kollu li ghadu dovut. Ma jirrizulta xejn irregolari f'dawn il-

proceduri. Jista jkun li l-konvenut iffirma xi kambjali in konnessjoni man-negozju in kwestjoni, pero' ma hemm xejn li jimpedixxi lill-attur li jghazel li jagixxi kif ghamel permezz ta' dawn il-proceduri;

Barra minn hekk ghandu jigi rilevat il-konvenut naqas li jipproduci provi in sostenn ta' dak li gie minnu allegat fin-nota ta' eccezzjonijiet;

In vista tal-premess u in vista li l-ammont mitlub jirrizulta effettivament dovut l-eccezzjonijiet tal-konvenut ghandhom jigu rigettati filwaqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u b'hekk tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erbat'elef, tlett mija u hamsa u ghoxrin liri maltin u erbghin centezmu (Lm4325.40) bilanc ta' prezz ta' karozza lilu mibjugha u kkonsenjata;

Spejjez kollha kontra l-konvenut u dana bl-imghaxxijiet legali mill-24 ta' Jannar 2000 data meta din ic-citazzjoni giet notifikata lill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------